**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**Illum l-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2024**

**Onor. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**

**Att tal-Akkuża Nru. 2/2018**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs.**

**Grazio Azzopardi**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att tal-Akkuża bin-numru 2 tal-2018 kontra Grazio Azzopardi detentur tal-karta tal-identita' numru 124551(M), akkużat talli:

> **Fl-Ewwel Kap**: Nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, ġewwa 141, Triq Dawret ix-

Xatt, Ix-Xgħajra Zabbar, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna vulnerabbli u taħt l-eta' u ċioe' ma' Ela Fenech u dan bl-użu ta' vjolenza, sforz, forza u theddid.

**Fit-Tieni Kap**: Nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, ġewwa 141, Triq Dawret ix-Xatt, Ix-Xgħajra Zabbar, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'għemil żieni kkorrompa lil tifla ta' taħt l-eta' u ċioe' lil Ela Fenech u dan billi uża vjolenza, theddid jew qerq waqt li l-minuri ġiet fdata lilu għal xi żmien sabiex jieħu ħsiebha u jżommha.

**Fit-Tielet Kap**: Nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, ġewwa 141, Triq Dawret ix-Xatt, Ix-Xgħajra Zabbar, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-Liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Ela Fenech, tifla taħt l-eta', sabiex toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

**Fir-Raba' Kap**: nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, ġewwa 141, 3 Triq Dawret ix-Xatt, Ix-Xgħajra Zabbar u f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għal qligħ, jew għat-tqassim, jew għall-wiri f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'oħra għamel jew daħħal f'Malta jew akkwista, żamm, iċċirkola jew esporta xi stampat, tpinġija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oġġett ieħor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le.

**2.** Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet u l-Lista tax-Xhieda tal-akkużat Grazio Azzopardi ppreżentata fl-14 ta' Ġunju, 2018.

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Frar 2021 li permezz tagħha ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet preliminari kollha sollevati mill-akkużat Grazio Azzopardi.

**4.** Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tat-23 ta' Ġunju 2021 fejn l-appell tal-akkużat kien miċħud u s-sentenza appellata konċernanti l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkużat ikkonfermata.

**5.** Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' April 2024 li permezz tiegħu kienet miċħuda t-talba tal-akkużat għar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-Qorti Kriminali tal-20 ta' Ottubru 2023 fejn it-talba tiegħu sabiex il-ġuri ikun iċċelebrat mingħajr ġurija kienet miċħuda.

**6**. Rat ir-rikors ippreżentat mill-akkużat fis-26 ta' April 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali tat-22 ta' April 2024 fis-sens li jiġi deċiż li l-preżenti ġuri għandu jiġi iċċelebrat mingħajr ġurati.

**7**. Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Mejju 2024 fejn, għar-raġunijiet hemmhekk infraskritti issottometta illi l-appell magħmul mill-akkużat għandu jkun miċħud.

**8.** Rat l-atti tal-kawża.

**9.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**10**. Illi dan huwa appell interpost mill-akkużat Grazio Azzopardi minn digriet mogħti mill-Qorti Kriminali li fih ċaħdet it-talba għal revoka *contrario imperio* tad-deċiżjoni tagħha fejn it-talba tiegħu magħmula taħt l-artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-ġuri jkun iċċelebrat mingħajr ġurija ma ġietx milqugħa billi din saret *fuori termine*. Jikkontendi l-appellant illi huwa kien notifikat bl-avviż tas-smigħ fit-termini ta'l-artikolu 438(5) tal-Kodiċi Kriminali fit-12 ta' Ottubru 2023, bil-liġi, fis-sub-inċiż (6), ma tagħmel ebda distinzjoni f'dawk il-każijiet fejn id-data tkun ġiet imħabbra mill-ġdid għaliex fl-ewwel data meta kien skedat dan is-smigħ, għal xi raġuni jew oħra, jispiċċa biex il-ġuri ma jiġix iċċelebrat. Illi kieku dan kellu jinftiehem mod ieħor, fil-fehma tal-appellant, l-għoxrin jum mogħtija fl-artikolu 438(6) tal-Kodiċi Kriminali għal preparazzjoni tad-difiża tiegħu mid-data tal-avviż ma jibqax ikun applikabbli meta jkun hemm avviż mill-ġdid.

**11**. Illi l-Avukat Ġenerali jibda billi jissolleva il-preġudizzjali dwar in-nullita' ta'l-appell stante illi, fil-fehma tiegħu, ma hux mogħti appell minn digriet tal-Qorti Kriminali għaliex id-deċiżjoni appellata ma taqa' taħt ebda waħda miċ-ċirkostanzi li jitkellem dwarhom l-artikolu 449(1) tal-Kodiċi Kriminali, kif lanqas huwa appell minn xi deċiżjoni dwar ammissibbilita' ta' evidenza. Inoltre, għalkemm l-appellant jindika li l-appell qed issir bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikolu 449(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, dan l-artikolu tal-liġi ma jsibx applikazzjoni għal każ odjern li jitkellem dwar deċiżjonijiet fuq eċċezzjonijiet preliminari, u dan għaliex la d-digriet tal-20 ta' Ottubru 2023 u lanqas dak tat-22 ta' April 2024 ma jikkonċerna xi deċiżjoni fuq eċċezzjoni preliminari, iżda huwa digriet interlokutorju li minnu ma huwiex mogħti appell quddiem din il-Qorti. Fil-mertu imbagħad, iqies illi l-appellant ma għandux raġun ġaldarba l-artikolu 438(6) tal-Kodiċi Kriminali jirreferi għan-notifika tal-avviż tal-ewwel data meta jkun appuntat il-ġuri, minn liema data jibda jiddekorri t-terminu ta' għaxart ijiem biex l-akkużat iressaq it-talba tiegħu sabiex il-ġuri jkun iċċelebrat mingħajr ġurija. Illi l-Avukat Ġenerali jikkontendi illi l-ġuri kien ġie mħolli għaċ-ċelebrazzjoni tiegħu

f'diversi dati oħra sa mis-sena 2021 bil-ġuri jkun differiet fuq talba tal-appellant stess, u allura l-appellant kellu kull opportunita' jressaq it-talba tiegħu meta l-ġuri kien oriġinarjament appuntat għas-smigħ.

**12**. Illi minn eżami tal-atti jemerġi l-*iter* li segwa dan il-każ meta l-Avukat Ġenerali ippreżenta l-Att ta'l-Akkuża fil-konfront tal-appellant fl-1 ta' Frar 2018, bl-appellant, wara li jkun notifikat, iressaq in-nota ta'l-eċċezzjonijiet fl-14 ta' Ġunju 2018. Wara dan l-Qorti Kriminali iddeċidiet dawn l-eċċezzjonijiet b'sentenza mogħtija fis-16 ta' Frar 2021, minn liema sentenza l-appellant intavola appell quddiem din il-Qorti, liema appell kien deċiż b'sentenza datata it-23 ta' Ġunju 2021. Illi in segwitu, fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2021, il-partijiet qabblu li l-ġuri kellu ikun iċċelebrat fit-18 ta' Ottubru 2022, bl-appellant ikun notifikat bl-avviż tas-smigħ fil-21 ta' Ġunju 2022. B'rikors datat il-5 ta' Awwissu 2022, l-appellant talab postponiment tal-ġuri minħabba raġunijiet ta' saħħa u l-Qorti Kriminali laqgħet it-talba, wara li ħatret espert mediko-legali sabiex jiċċertifika dan il-fatt, u l-ġuri ġie pospost għall-25 ta' Lulju 2023[1], bl-avviż tas-smigħ jindika illi il-ġuri kien qed jiġi differiet. Illi għal darb'oħra permezz ta' rikors datat id-09 ta' Ġunju 2023, l-appellant jerga' jitlob differiment ieħor ukoll għal raġunijiet ta' saħħa, u wara li jsir rapport ieħor mill-espert mediko-legali, il-Qorti terġa' tipposponi il-ġuri għall-21 ta' Novembru 2023, bl-appellant jkun notifikat fit-12 ta' Ottubru 2023. Hawn jippreżenta in-nota, fit-termini ta'l-artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali, fit-18 ta' Ottubru 2023. B'digriet tal-20 ta' Ottubru 2023, it-talba tal-appellant tiġi miċħuda mill-Qorti Kriminali għaliex din saret *fuori termine*, bl-appellant jitlob revoka *contrario imperio* ta' dan id-digriet wara li jkun hemm astensjoni tal-Imħallef sedenti il-ġuri, bil-Qorti Kriminali, kif issa diversament ippresjeduta ukoll tiċħad din it-talba b'digriet datat l-24 ta' April 2024, li minnu l-akkużat intavola dan l-appell.

---

[1] Ara digriet a fol.80 tal-process b

**13**. Illi magħmula din l-esposizzjoni tal-*iter* li segwit din il-kawża, il-Qorti iżda ser, l-ewwel u qabel kollox, tindirizza l-preġudizzjali tan-nullita' ta'l-appell sollevat mill-Avukat Ġenerali, billi d-deċiżjoni fuq l-istess ser timpinġi fuq l-eżitu ta' dan l-appell. Issa l-poteri vestiti f'din il-Qorti ta'l-Appell huma imfassla fl-artikoli 497 sa 515 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-leġislatur jirregola dawk l-istanzi fejn huwa mogħti appell quddiemHa kemm mill-Avukat Ġenerali kif ukoll mill-akkużat. F'dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi hemm indikat illi huwa mogħti appell quddiem din il-Qorti minn sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkużat kif maħsub fl-artikolu 449(1)(a)(b)(c)(d) u (g) tal-Kodiċi, kif ukoll minn kull decizjoni fir-rigward tal-ammissibbilita' ta' evidenza. Wara sentenza fuq l-Att ta'l-Akkuża, l-akkużat jista' jappella minn sejbien ta' ħtija.

> **"13. Il-kompetenza ta' din il-Qorti hi arġinata bid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 497 sa 515 tal-Kodiċi Kriminali u b'mod partikolari b'dak li jipprovdi l-artikolu 499 tal-istess Kodiċi. Dak l-artikolu jipprovdi li jista' jsir appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali lil din il-Qorti fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali jew ta' l-akkużat 'minn kull decizjoni mogħtija wara l-qari ta' l-att ta' l-akkuża' u dan 'fuq kull waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(a), (b), (c), (d), u (g) u minn kull deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' provi'. Tista' tappella wkoll lil din il-Qorti skont l-artikolu 500(1) 'Persuna misjuba ħatja fuq att ta' akkuża'. Għalhekk il-kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tisma' u tiddeċiedi appelli li jsirulha tippostula deċiżjoni li tkun ingħatat wara l-qari ta' att ta' akkuża fuq xi waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija flartikolu 449(1)(a)(b)(c)(d) u (g) tal-Kodiċi Kriminali jew deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibilita' ta' provi jew persuna misjuba ħatja fuq att ta' akkuza. L-appell odjern ma hux minn deċiżjoni li ingħatat fuq xi waħda mill-eċċezzjonijiet msemmija u anqas minn xi deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibilita' ta' provi u l-appellant ċertament anqas hu persuna misjuba ħatja. Għalhekk ma jirriżultax li din il-Qorti għandha kompetenza tiddeċiedi dan l-appell.**
>
> **"14. Fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti l-appellant permezz tal-konsulent legali tiegħu għamel riferenza għal dak li jipprovdi l-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali sabiex jipprova jislet argument *a contrariu sensu* li appelli minn digrieti interlokutorji huma**

> **wkoll ammessi meta d-digriet interlokutorju in kwistjoni jkun iżomm il-kawża milli titmexxa 'l quddiem. Huwa ssottometta li d-deċiżjoni appellata li ddiferiet il-ġuri sine die effettivament kienet tali li żżomm il-ġuri milli jimxi 'l quddiem u għalhekk kienet appellabbli. Apparti l-kunsiderazzjoni jekk differiment ta' kawża *sine die* tinkwadrax bħala deċiżjoni li żżomm il-kawża milli timxi 'l quddiem dak li hu determinanti, iżda, huwa li l-artikolu ċitat mill-appellant jinsab fis-sub-titolu tal-Kodiċi Kriminali intestat 'Fuq l-Appelli mis-Sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura'. Kjarament, għalhekk ma hux applikabbli għall-appell ta' llum li huwa appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali. Anqas jista' b'xi mod dak l-artikolu jiġi estiż b'analoġija għal appelli lil din il-Qorti minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali tenut kont tal-fatt li d-dispożizzjonijiet relevanti li jirregolaw il-kompetenza ta' din il-Qorti ma jipprovdux għal tali appell lil din il-Qorti minn deċiżjonijiet bħal dawk imsemmija flartikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali u 'mhux lecitu li l-Qorti tikkonferixxi dritt ta' appell meta l-legislatur ma jkunx ta dan id-dritt[2]."**

**14.** Jikkonsegwi għalhekk illi lanqas appell minn digriet interlokutorju ma hu mogħti f'din l-istanza, u għalkemm kif ingħad fl-isemmija sentenza hawn iċċitata, l-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali jippostula dritt ta' appell minn digriet interlokutorju li jżomm il-kawża milli timxi il quddiem, din id-disposizzjoni tal-liġi tapplika biss għal digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati u mhux ukoll mill-Qorti Kriminali. Fi kwalunkwe każ lanqas ma jista' jingħad illi d-digriet li ngħata qed iżżomm il-kawża milli timxi 'il quddiem billi ċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri xortawaħda jista' jsir bil-ġurija popolari, kif maħsub fil-liġi. Issa jekk l-akkużat ħalla ż-żmien għaddej u ma użufruwiex ruħu mid-dritt li kienet tagħtih il-liġi dan huwa tort imputabbli lilu biss.

**15.** Jingħad biss illi meta l-ġuri kien appuntat għas-smigħ għat-18 ta' Ottubru 2022, dan kien pospost fuq talba ta'l-akkużat, bil-Qorti Kriminali tiddifferixxi il-ġuri għal 25 ta' Lulju 2023, meta reġa' kien pospost fuq talba tal-akkużat u differiet għall-20 ta' Novembru 2023. F'kull okkazzjoni, kemm mid-digrieti tal-Qorti

---

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri App.Sup., deciza 26/04/2012; *vide* also The Republic of Malta vs Neslon Mufa App.Sup. deciza 14/02/2013

Kriminali, kif ukoll mill-verbali tas-seduti u mill-avvizi tas-smigħ huwa evidenti illi l-ġuri kien qed jiġi kull darba, fuq talba tal-akkużat, pospost jew aħjar differiet u mhux imqiegħed għas-smigħ mill-ġdid.

**16**. Illi r-regolament 2 tal-Leġislazzjoni sussidjraja 9.11 jistipula illi:

> **2.(1) Rikors wieħed biss għall-posponiment ta' ġuri kriminali, bażat fuq l-indisponibbiltà tal-avukat, jista' jiġi milqugħ.**
>
> **(2) Il-Qorti Kriminali, meta tittratta rikors bħal dan, għandha tinnomina l-Avukat għall-Għajnuna Legali jew avukat ieħor biex jassumi d-difiża tal-akkużat, jekk l-avukat magħżul mill-akkużat ma jidhirx fil-ġurnata li għaliha l-ġuri jkun tħalla.**

Jikkonsegwi b'analoġija illi meta l-leġislatur fl-artikolu 438(5) tal-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq il-jum tas-smigħ tal-kawża wara li jkunu determinati kwistjonijiet dwar eċċezzjonijiet preliminari u ammissibbilta' ta' evidenza dan ifisser illi huwa **dak** l-ewwel jum li l-Qorti tistabbilixxi għaċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, li f'dan il-każ kien il-jum tat-18 ta' Ottubru 2022, liema smigħ madanakollu kien pospost fuq talba tal-akkużat stess għal darbtejn. Biex b'hekk meta l-artikolu 436(6) jipprefiġġi terminu ta' mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara d-data tan-notifika tal-avviż imsemmi fl-artikolu 438(6) tal-Kodiċi Kriminali, dan jirreferi għall-avviż li jingħata dwar l-appuntament tal-ġuri u mhux għall-avviż dwar posponimenti sussegwenti li jsiru għal din id-data.

**17.** Illi l-Qorti qed tagħmel dawn l-osservazzjonijiet sabiex din il-kwistjoni tingħalaq darba għal dejjem u mhux għaliex l-appellant għandu xi dritt ta' appell mid-digriet tal-Qorti Kriminali billi, kif ingħad, appell quddiem din il-Qorti minn digriet interlokutorji ma huwiex mogħti.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara l-appell interpost bħala irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu**.

**Tirrimanda l-atti quddiem il-Qorti Kriminali għal kontinwazzjoni tas-smigħ tal-każ biċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**